**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Aldrin (Andrew) Attard**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Aldrin maghruf bhala Andrew Attard ta' 43 sena bin Joseph u Frances xebba Gatt, imwieled Attard nhar id-29 t'Ottubru 1972 residenti fil-fond 15, Aldmar, Triq tal-Qattus, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' numru 486572M;

Talli nhar l-10 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-ghaxra nieqes kwart ta' fil-ghaxija(21:45 hrs), f'dawn il-Gzejjer:

1) Kkaguna lil martu Marika maghrufa Maria Carmela Attard u wliedu Sherise u wayne Attard biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);

2) U aktar talli bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, arresta, zamm jew

issekwestra lil martu w uliedu kontra l-volonta' taghhom u fl-istess hin, l-istess Marika maghrufa Maria Carmela Attard, giet offiza jew mhedda bil-mewt;

Ukoll talli nhar l-10 ta' Lulju 2016 u zminijiet precedenti gewwa, 15, Aldmar, Triq tal-Qattus, Ghaxaq:

3) B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi zamm armi w munizzjon imnizzlin taht l-iskeda I ul-iskeda II li jinsabu mal-Att. Maqfulin sew f'post sigur gewwa r-residenza tieghu u naqas li jizgura li hadd hliefu ma jkollu access ghalihom.

4) Il-qorti hija mitluba li minnbarra l-piena skond il-Ligi tordna l-konfiska tal-corpus delicti, f'dan li serviet jew li kien mahsub li serviet sabiex isir id-delitt;

5) Il-Qorti hija mitluba wkoll illi f'kaz ta' sejbien ta' htija thassar jew tissospendi l-licenzja mahruga taht l-Att dwar l-Armi w tipprojbixxi lil Aldrin Attard milli jkollu xi licenzja ghal zmien li jidhrilha xieraq il-Qorti;

6) Il-Qorti hija mitluba wkoll illi f'kaz ta; htija tipprovdi ghas-sigurta Marika maghruxa Maria Carmela Attard u wliedu Sherise u Wayne Attard, il-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat;

7) Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija meta tidhrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-probation, mahluf quddiem din il-Qorti, fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2017;

Rat illi l-parti leza, Marica Attard, mart l-istess imputat, kienet irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kontra zewggha, u talbet lill-Qorti sabiex, ai termini tal-Artikoli 543 u 545 tal-Kap 9, dawn il-proceduri kontra zewggha jitwaqqfu;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni f'dawn il-proceduri, fit-2 ta' Marzu 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, in vista ta' din l-ammissjoni, il-Prosekuzzjoni ma nsistietx fuq it-tielet imputazzjoni u ddikkjarat li ma kellhiex aktar provi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi jidher mill-atti li din il-kawza tittratta sitwazzjoni ta' vjolenza domestika li nvolviet il-membri kollha tal-familja tal-imputat. Peress illi din il-kawza giet ammessa, il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu u fil-fatti tal-kaz. Huwa evidenti, izda, li l-imputat ghandu bzon sorveljanza u assistenza f'hajtu, specjalment sabiex il-membri tal-familja tieghu ighixu hajja aktar trankwilla minghajr biza'. Ghalhekk il-Qorti segwiet is-suggerimenti maghmula fir-rapport tal-ufficjal tal-probation, u sejra taghti ordni ta' sanzjoni fil-komunita' lill-imputat flimkien ma' ordni ta' trattament fil-konfront tieghu, bit-tama li dawn iservuh ta' ghinuna.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 251(3) u 257E tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w kif ukoll l-Artikoli 3(A) u 47(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament lill-imputat ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

In oltre din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tat-tielet akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni w ghalhekk qieghda tilliberah minnha.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**